MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 398/2001/1

**Francis Borg**

**vs**

**Mario Mallia u Alfred Abela**
**ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fit-12 ta' Marzu, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi, fl-24 ta’ Mejju 2000, ghall-habta tal-12.15p.m., filwaqt illi l-konvenut Mario Mallia kien qieghed isuq il-vettura ossia xarabank tal-marka AEC u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni DBY 416 ghal gewwa St. Andrew’s Road, San Giljan, stante imperizja, negligenza, traskuragni u n-non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kien involut f’incident awtomobilistiku mal-karozza ossia trakk tal-marka ERF E Series u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni JAF – 383 propjeta’ tal-attur u misjuqa mill-attur stess, u kopja tar-*Road Accident Report* u tal-Iskizz qed jigu hawn annessi bhala Dokumenti A u B rispettivament;

2. Illi l-vettura ossia xarabank li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni DBY 416 hija proprjeta’ tal-konvenut l-iehor Alfred Abela;

3. Illi l-incident awtomobilistiku sehh tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi per konsegwenza ta’ tali incident awtomobilistiku, l-attur sofra d-danni fis-somma ta’ tlett elef tmien mija u tmien liri u wiehed u sittin centezmu (LM3808.61,0) jew somma verjuri, kif jidher mill-istima hawn annessa u mmarkat Dokument C, ghal liema danni l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli;

5. Illi l-kovnenuti interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni, anke permezz ta’ ittra interpellatorja datata 19 ta’ Settembru 2000 baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi sabiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta’ Mejju, 2000 meta, filwaqt illi l-konvenut Mario Mallia kien qieghed isuq il-vettura ossia xarabank tal-

marka AEC u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni DBY 416 ghal gewwa St. Andrew’s Road, San Giljan, kien involut f’incident awtomobilistiku mal-karozza ossia trakk tal-marka ERF E Series u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni JAF 383 proprjeta’ tal-attur u misjuq mill-attur stess;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-incident awtomobilistiku tal-24 ta’ Mejju 2000 fis-somma ta’ tlett elef tmien mija u tmien liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm3808.61,0) jew somma verjuri okkorrendo permezz tal-hatra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-lum stess u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) ikkalkolati mid-data tal-prezentata ta’ dan l-att sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Mallia li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, hemm id-dezerzjoni tal-kawza stante illi ghaddew ‘l fuq minn sitt xhur rikjesti mill-ligi ghal gheluq tal-proceduri bil-miktub ai termini tal-Artiklu 963 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda gara tort unikament tal-attur, u dana stante illi kien l-istess attur illi waqt li kien gej bi *speed* eccessiv baqa’ ghaddej minn fuq il-*lights* li kienu ghadhom kif qalbu u sab

lill-konvenut ma' wiccu u kien minhabba f'hekk illi sehhet il-kollizzjoni;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni mitluba mill-attur huma eccessivi;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li ghalkemm il-konvenut Alfred Abela gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, huwa baqa' ma pprezenta ebda Nota tal-Eccezzjonijiet u b'hekk baqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-Nota tal-konvenut Mario Mallia tat-8 ta' April, 2002, li biha irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni minnu sollevata, cioe', dik tad-dezerzjoni tal-kawza;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-kaz in kwistjoni jikkoncerna kollizzjoni awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Mejju, 2000, fi Triq Sant'Andrija, gewwa St. Andrews. L-attur kien qed isuq *truck* numru JAF-383 mid-direzzjoni ta' St.Andrews ghal San Giljan; huwa kien gej wara vjagg lejn il-Maghtab u kien qed isuq fi Triq Sant'Andrija biex imur tas-Sliema. Kif wasal hdejn it-*traffic lights* li hemm f'inkrocju hdejn Jessies' Bar fl-inhawi, huwa waqaf peress li d-dawl kien ahmar. Kif id-dawl qaleb ghall-ahdar, beda jsuq u sab ma' wiccu *bus* numru DBY-416 li kien misjuq mill-konvenut Mario Mallia. Dan kien hiereg

minn wara *stop sign*, u kif ra lill-attur gej, waqaf fejn kien, parti mill-*bus* ‘l barra mil-linja ta’ li *stop.* L-attur rah meta kien xi hames vettura ‘l boghod mill-*bus*, u ghalhekk ghafas il-*brakes* u pprova jiswervja lejn il-lemin, izda xorta laqat il-*bus* bil-genb xellugi ta’ quddiem tat-*truck*. L-attur ma rnexxielux iwaqqaf it-*truck* peress li l-art kienet imxarrba peress li kienet niezla x-xita, u anke peress li t-*truck* hi vettura tqila li mhux facli twaqqafha. It-tesi tal-konvenut sewwieq tal-*bus* hija li l-incident sehh tort tal-attur peress li dan, kif qalbu l-*lights*, baqa’ ghaddej bi *speed eccessiv* ghal go fuqu. L-attur jallega wkoll li l-bus in kwistjoni ma kienx kopert b’licenzja valida meta sehh l-incident.

Fuq din l-ahhar kwistjoni, din ic-cirkustanza ma tirrizultax. Hu veru li fuq ir-*road accident report* hemm imnizzel li l-licenzja tal-*bus* kienet ghalqet fit-30 ta’ April, 2000, u cioe’, bejn wiehed u iehor, xahar qabel l-incident, izda meta xehdet WPS 131 Nicolette Leotta, hi qalet li, skond in-notamenti li kellha, il-licenzja kienet valida. Hi spjegat li saret dik in-nota fir-*road accident report* peress li, wisq probabbli, ir-*renewal* tal-licenzja ma kienetx giet *updated* fil-*computer* tal-ufficcju. Minn verifiki li saru, jirrizultalha, pero’, li l-licenzji tal-*bus* kienu valida. Kwindi, ma jistax jinghad li saret il-prova li l-konvenut Mallia kien qed isuq *bus* mhux koperta b’licenzja.

Apparti din il-konsiderazzjoni, dan il-fatt ftit li xejn jista’ jkollu rilevanza ghal dawn il-procduri, li m’humiex intizi biex isibu xi htija tal-konvenut fuq xi reat jew kontravenzjoni, izda biex tistabilixxi min, mill-partijiet involuti fl-incident, ghandu jerfa’ r-responsabbilita’ civili ghall-incident. Din l-indagini jippostula stharrig li jmur ‘lil hinn minn semplici ksur ta’ xi ligi jew regolament tat-traffiku, u li jrid jigi ezaminat huwa l-komportament tas-sewwieqa fil-hin qabel u waqt li sehh l-incident. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Vella Galea vs Sammut”, deciza fil-5 ta’ Ottubru, 1998, “*riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal*

*sewqan prudenti u li ma jkunux rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma m'ghandhomx u m'ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident",* (ara wkoll "Galea vs Fenech" deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2003).

Ghar-rigward tal-modalita' tal-incident, jirrizulta li l-attur kien qed isuq ghad-dritt, filwaqt li l-konvenut kien, tista' tghid, hiereg minn `*side road'* u minn wara `*stop sign'* impingija mal-art. Kwindi, l-oneru li jara li jigi evitat incident kien mixhut fuq il-konvenut li mhux biss kien ser jostakola l-vetturi li kienu ser jghaddu minn quddiemu, izda kien ser johrog minn wara `*stop sign',* u allura kellu obbligu li ma johrogx ghal gol-`*main road'* qabel ma' din tkun talment libera li tippermettilu jidhol fit-triq principali bla xkiel u bla periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Hu principju ta' sewqan li min ikun ser johrog minn wara `*stop sign',* irid ieqaf *dead*, u ma jibdiex jiskula qabel ma jara li t-triq ta' quddiemu hi libera. M'ghandux jirfes fil-`*main road'* qabel ma jassigura li t-triq hi libera, u avvolja ghandu jixref minn gos-`*side road'* biex ikun jista' jezamina sew it-triq, m'ghandux jaghmel dan b'tali mod li johloq ostakolu ghal min ikun qed isuq fit-triq principali. Sewwieq hiereg minn wara `*stop sign'* m'ghandux jibqa' hiereg sa nofs it-triq ta' quddiemu biex, bhal li kieku, "iggieghel" lill-karozzi l-ohra jieqfulu.

Fil-kawza "GasanMamo Insurance Agency Ltd vs Bartolo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Novembru, 2001, intqal is-segwenti:

*"Utenti tat-triq kellhom kull dritt jesigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma tostakolahom fi triqthom. Hi ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq kien fuq in-naha l-hazina tat-triq, jew anqas u anqas on the crown of the road, kienet necessarjament tfisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri u anqas u anqas minn go garage kellu juza' l-massima prudenza, specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-main road fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata, kif*

*kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati. Kien jinkombi fuq il-konventu, allura, l-obbligu ta' edging out biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitla' minn Amery Street fuq in-naha hazina tat-triq."*

Principju simili gie enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza "Galea vs Buhagiar", deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza "Muscat vs Camilleri" deciza fl-24 ta' Jannar, 2003.

Kif inghad fis-sentenza "Sammut vs Germaine De La Fargue", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' April, 1976, "*min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholi u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jitraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha".* (ara wkoll "Gatt vs Ciantar", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003).

Dawn il-principji japplikawz daqsinsew ghal kaz in ezami. Il-konvenut, sewwieq tal-bus, ma kellux johrog mill-venda qabel ma jesplora sew it-triq. Mill-*isketch* u mir-ritratti esebiti jidher car li kien il-konvenut li ostakola l-*via* tal-attur li kien qed isuq fid-dritt; l-attur ipprova jevita l-kollizzjoni, izda laqghat il-*bus* tal-konvenut bil-ponta ta' quddiem tax-xellug tieghu.

Il-konvenut jipprova jargumenta li l-attur kien qed isuq bi *speed* qawwi. Dan, pero', ma jirrizultax. Il-*brake marks* li halla warajh l-attur ma humiex indikazzjoni ta' xi speed qawwi, mehud in konsiderazzjoni t-toqol tal-vettura u x-xita li kienet niezla dak inhar, zewg fatturi li kkontribwixxu ghal tul tal-marki sakemm it-*truck* misjuq mill-attur waqaf. Barra minn dan, kif osservat din il-Qorti fil-kawza "Buhagiar vs Mangion", deciza fil-11 ta' Novembru, 1994,

wiehed irid ihares lejn il-kawza principali tal-incident, li f'dan il-kaz kien is-sewqan imprudenti tal-konvenut meta hareg minn `*side road'* minghajr id-debita attenzjoni; l-*ispeed* tal-attur, anke jekk ftit oltre l-limiti permess ghal-lokal, ma kienx il-kawza principali tal-habta, u kwindi, l-attur m'ghandu ebda tort ghall-incident (ara wkoll "Mizzi vs Grech", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 1973, "Pisani vs Lucas", deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Gunnu, 1975 u "Kassap vs Ellul", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru, 1993).

Ghar-rigward il-*quantum* tad-danni, l-attur ikkonferma li dawn jammontaw ghal tlett elef tminn mija u tmien liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm3808.61,0). Din is-somma giet konfermata mir-rapprezentant tas-socjeta' Burmarrad Commercials Ltd, li ghamlet it-tiswija relattiva, li xehed illi li x-xoghol sar skond stima mharuga mis-*surveyor* tal-kumpanija assikuratrici. Ghal tul iz-zmien li t-*truck* dam biex issewwa, l-attur kien intitolat jikri *truck* iehor kif fil-fatt ghamel, u dan ghamlu ghaz-zmien mehtieg biex jissewwa t-*truck*, kif miftiehem bejn il-kuntrattur u s-*surveyor*. Mehud kont in-natura tal-hsara kif jirrizultaw, il-Qorti ssib li t-talba tal-attur hija gustifikata.

Dwar ir-responsabbilita' ta' Alfred Abela din ma tirrizultax. Hu kien sid il-*bus* in kwistjoni, u ma giex pruvat li hu silef il-*bus* lill-persuna li ma kienx kopert bid-debiti licenzji biex isuq l-istess vettura. Lanqas ma rrizulta li hu ppermetta li l-*bus* tinsaq fit-triq minghajr ma kienet koperta b'licenzja. Kwindi, it-talba tal-attur fil-konfront ta' dan il-konvenut ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi minn din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur fil-konfront biss tal-konvenut Mario Mallia, tiddikjara lil dan il-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Mejju, 2000, u tikkundanna lill-istess Mario Mallia ihallas in linea ta' danni, is-somma ta' tlett elef tminn mija u tmien Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM3808.61,0) lill-attur, bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu, 2001, data tal-presentata tac-citazzjoni, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut Mario Mallia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------